# Il-Ħadd 23.12.2018

1. Illum 23/12, **Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa animata mill-MUSEUM tal-Bniet u tas-Subien u fiha jsir it-tberik tal-Bambini u l-Presepji. Inħeġġu lit-tfal kollha biex jiġu għal din il-quddiesa.
   - Bejn l-10:00am u 12:00pm, l-Isqfijiet Maltin ser ikunu l-Kurja fil-Floriana biex jilqgħu lil kulmin jixtieq jagħtihom l-awguri għal dawn il-festi.
2. It-Tnejn 24/12, **Lejliet il-Milied**:
   - Fil-5:00pm tiftaħ il-knisja u jkollna l-Qrar, u fis-6:30pm quddiesa.
   - Fil-6:00pm tibda l-Purċissjoni tradizzjonali tal-Bambin għat-tfal kollha organizzata mill-membri tal-MUSEUM li tispiċċa fil-knisja parrokkjali stess fejn issir reċta u kant etċ.
   - Fl-10:30pm tiftaħ il-knisja u fil-11:00pm jibda programm varjat b'reċta u l-priedka tat-tifel, li jwassluna biex f'nofs il-lejl tibda l-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied animata mill-Kor '*Sine Macula*'. Inħeġġu lit-tfal biex jiġu lebsin l-abjad u jġibu l-qniepen.
3. It-Tlieta 25/12, **Jum il-Milied**:
   - Il-ħin tal-quddies ikun fis-6:45am, fid-9:00am, fl-10:30am u fil-5:30pm.
   - Bejn l-10:00am u s-2:00pm l-istaff u l-voluntiera tal-Caritas-Malta ser ikunu preżenti l-Kurja tal-Arċisqof u jippreparaw ikla għal dawk li jħossuhom waħedhom u jixtiequ ftit kumpanija. Naraw li ħadd ma jispiċċa jħossu waħdu jew minsi f'dan il-jum.
4. L-Erbgħa 26/12:
   - **Ħarġa għall-Abbatini**: Fid-9:30am nitilqu minn fejn il-knisja u nkunu lura għas-2:30pm.
5. Il-Ħadd 30/12, **Festa tas-Sagra Familja**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa bis-sehem tal-Grupp tal-Koppji Miżżewġa.
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Bejn l-10:30am u 12:00pm, il-Banda 'San Pawl' ser tferraħ it-toroq tagħna permezz tad-daqq ta' diversi carols tal-Milied, dejjem jekk l-ajru jippermetti.
6. It-Tnejn 31/12 :
   - Mill-5:00pm 'il quddiem jkollna l-Qrar.
   - Fis-6:30pm niċċelebraw l-aħħar tas-sena billi jkollna quddiesa animata mill-Kor *'Sine Macula'* li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*. Il-Ġabra tmur għad-Dar tal-Providenza u fl-ewwel tas-sena nippreżentawha waqt l-Open Day.
7. It-Tlieta 1/01/19, **Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi**.
   - Il-ħin tal-quddies ikun fis-6:45am, fid-9:00am, fl-10:30am u fil-5:30pm.
8. Il-Ħamis 3/01/19:
   - Mis-7:30pm sat-8:30pm, il-Parroċċa tagħna flimkien mal-Kunsill Lokali qed jistednukom għall-Kunċert tal-Milied imtella' mill-Kor 'Sine Macula', in-'Novum Ensemble', u s-Safi Drama Group b'mużika, kant u mimi adatti għal dawn iż-żminijiet.
9. Avviżi oħra:
   - Mod konkret ta' kif nagħtu rigal li tassew jiswa ħafna hu billi nagħtu d-demm.
   - Bi ħsiebna nagħmlu ordni oħra ta' ritratti u frames li juru l-istatwa titulari ta' San Pawl restawrata. Min hu mħajjar jordna jista' jagħmel dan sal-Ħadd 6/01/2019.
10. Avviżi tal-Kunsill Lokali:
    - L-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali se jkun magħluq nhar it-Tlieta 25/12 u l-Erbgħa 26/12.
    - Il-Ġimgħa 28/12: Ser isir Party tal-Milied għat-tfal fis-Sala Pietru Pawl Busuttil. Biljetti mill-Uffiċċju tal-istess Kunsill.
    - Il-ġbir tal-borża l-ħadra ser isir nhar l-Erbgħa 26/12 minflok it-Tlieta 25/12.
11. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 225 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa.
    - € 110 b'donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi.
12. Nitolbu għal Ġuża Abdilla li għaddiet għal ħajja ta' dejjem. Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ...